**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Mejju 2024**

**Rikors nru : 174 /2024 AGV**

EP u GTD

Vs

X

**Il-Qorti;**

Rat ir- Rikors kongunt ta' EP u G D datat 8 ta' April 2024.

Jesponu bir-rispett:

1. Illi l-esponenti zzewgu fl-24 ta‘ Novembru tas-sena elfejn u tmintax (24/11/2018) [**Dok. A**], mil-liema zwieg m’ghandhomx tfal.

2. Illi l-esponenti sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono [**Dok. B]**.

3. Illi l-partijiet ilhom aktar minn sitt xhur separati de facto. Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-esponenti. Inoltre bejn l-esponenti m’hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavits rispettivi taghhom ezebiti bhala **Dok. C u Dok. D**.

4. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtiequ jitolbu d-divorzju u/jew hall taz-zwieg bejniethom.

**Ghaldaqstant,** l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:-

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti fl-24 ta‘ Novembru tas-sena elfejn u tmintax (24/11/2018)
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat in-nota tal-partijiet, datata 17 ta’ April 2024, fejn taw ruhhom b’notifikati bl-avviz tas-smigh.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat fl- 24 ta' Novembru 2018.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**